**Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**
Il-Ħadd 29 ta' April 2018
Il-V Ħadd tal-Għid
Sena B

**Introduzzjoni**
F'dan il-Ħames Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex infaħħru lil Alla tagħna għall-ħwejjeġ kbar li HU għamel magħna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 9, 26-31)
Bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu, l-ewwel komunitajiet insara kienu qed jikbru mhux biss fin-numru iżda wkoll fil-ħajja spiritwali.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 21)
Mulej, nagħtik it-tifħir tiegħi f'ġemgħa kbira
*jew*
Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Ġw 3, 18-24)
San Ġwann jgħidilna li l-fidi tagħna ma tiswa xejn mingħajr l-għemil.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 15, 1-8)
Aħna nistgħu ngħixu u nagħmlu l-frott jekk nibqgħu magħqudin ma' Kristu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Il-fidwa li tana Alla hi għajn ta' ferħ bla tmiem u twassalna biex inroddulu ħajr.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Ejjew inwieġbu għall-istedina li qed jagħmlilna Ġesù biex HU jiġi jgħammar ġo fina.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.